**PRIMARY SCHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS 2000**
Educational Assessment Unit - Education Division

| IR-RABA' SENA | STUDJI SOĊJALI | ĦIN: SIEGĦA |
|---|---|---|

Isem: ___________________________________ Klassi: __________________

SEZZJONI A
Agħżel it-tajba

1. Is-sinjali tat-traffiku qegħdin hemm biex (nobduhom, iżejnu, ifixkluna).
2. Meta tgħin lil xi ħadd fil-bżonn turi kemm tkun veru (kattiv, egoist, nisrani).
3. Inżommu l-pajjiż nadif meta (narmu fil-kampanja, narmu fejn ma jarawniex, ma narmu mkien).
4. (Il-pinnur, Ir-riegla, It-termometru) jurina minn fejn jonfoħ ir-riħ.
5. (Korsika, Il-Portugal, It-Tuneżija) hija gżira fil-Mediterran.
6. L-iktar staġun sħun hu (x-xitwa, l-ħarifa, s-sajf).
7. Bniedem onest igħid (il-gideb, il-verita`, iċ-ċajt).
8. $30^{o}$ Celsius ifisser (ħafna kesħa, ħafna sħana, la ħafna sħana u lanqas ħafna kesħa).
9. Santa Marija tiġi fil- (15, 22, 7) ta' Awissu.
10. Il-Konti Ruġġieru kien mexxej (Għarbi, Normann, Ruman).

( 10 marki )

SEZZJONI B

Sib fejn jinsabu dawn il-postijiet billi tikteb in-numru tal-belt jew raħal li hemm fuq il-mappa fl-ispazju ta' ħdejn is-sentenza.

| | | |
|---|---|---|
| A) | Il-belt qadima ta' Malta | |
| B) | Il-belt kapitali ta' Malta | |
| Ċ) | Waħda mit-tlitt Ibliet | |
| D) | Ir-raħal tas-sajjieda | |
| E) | L-ajruport | |




( 10 marki )

SEZZJONI Ċ

Qabbel

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Missieri, ommi u ħuti | | qabel naqsam it-triq |
| 2. | Permezz tal-mezzi tat-trasport | | fl-iskola u fil-familja |
| 3. | Inħares lejn il-lemin u lejn ix-xellug | | fil-ħin tal-mistrieħ mal-ħbieb |
| 4. | Nitgħallem l-għerf u nikber sewwa | | x'nara fuq it-T.V. |
| 5. | Nersqu aktar lejn xulxin | | nżomm il-mard 'il bogħod |
| 6. | Il-logħob igħinni nikber | | huma l-familja tiegħi |
| 7. | Għandi nagħżel sewwa | | ma noqogħdux indejquh bih |
| 8. | Jekk ngħix fl-indafa | | nistgħu mmorru minn post għal ieħor |
| 9. | Meta xi ħadd ikollu difett | | jagħmlu xogħol siewi fost in-nies |
| 10. | L-infermieri, l-għalliema u l-pulizija | | billi nħobbu u ngħinu lil xulxin |

( 10 marki )

SEZZJONI D

Imla l-vojt b'dan il-kliem

in-Normanni, figolli, l-Imnarja, mis-sħab, l-ispiżjar, presepju, Ruġġieru, ħruq, knisja, talba

1) Il-Maltin imorru l-Buskett fil-festa ta' ____________________.

2) Meta jibda joqrob il-Milied naħsbu għall- ____________________.

3) Inċempel 199 meta jkun hemm ____________________.

4) Il-____________________ tar-raħal iżejnuha sabiħa għall-festa.

5) Wara l-ħakma ta' l-Għarab, f'Malta ġew ____________________.

6) Ix-xita tiġi ____________________.

7) Il-mediċini li jordna t-tabib immorru nixtruhom mingħand ____________________.

8) L-Għarab baqgħu f'Malta wara l-miġja tal-Konti ____________________.

9) It-tradizzjoni tal-____________________ marbuta mal-festa ta' l-Għid.

10) L-Innu Malti huwa wkoll ____________________ lil Alla.

( 10 marki )

SEZZJONI E
Wieġeb

1) Għaliex is-saċerdot huwa importanti fil-komunita'?

___

2) Għaliex Dun Karm jissejjaħ Poeta Nazzjonali?

___

3) Għaliex taħseb li l-Mediterran huwa baħar importanti għal Malta?

___

4) Għaliex l-ajruplan huwa mezz ta' trasport tajjeb għall-passiġġieri?

___

5) Għaliex ix-xitwa hija l-aktar staġun kiefer?

___

( 10 marki )

SEZZJONI F
Aqra u wieġeb il-mistoqsijiet

Dun Mikiel Xerri ried jeħles lil Malta mill-Franċiżi. Huwa nqabad jiftiehem kontrihom u ġie xkubettjat fil-Pjazza tal-Palazz mis-suldati. Qabel miet għajjat il-kliem "Viva Malta".

1) Għalfejn ġie maqtul Dun Mikiel Xerri? ___

___

2) X'kien ix-xogħol ta' Dun Mikiel Xerri? ___

___

3) F'liema raħal twieled u għex Dun Mikiel? ___

___

4) Patrijott huwa wieħed li ___

___

5) Għalfejn taħseb li Dun Mikiel kien qalbieni? ___

___

( 10 marki )

SEZZJONI Ġ

(a) Imla dawn il-bnadar bil-kuluri jew ikteb l-isem tal-kuluri fejn suppost

(b) Imla l-Belt Kapitali

(ċ) Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba

(a)



ITALJA

(b) Belt Kapitali ___________________

(ċ) Fl-Italja nsibu (l-piramidi, l-Vatikan)

(a)



LIBJA

(b) Belt Kapitali ____________________

(ċ) Fil-Libja hemm (is-silġ, id-deżert)

(a)



MALTA

(b) Belt Kapitali _______________________

(ċ) F'Malta hemm (il-Port tal-Birgu, il-Kanal Suez)

(a)



FRANZA

(b) Belt Kapitali ___________________________

(ċ) Fi Franza nsibu (l-Kolossew, t-Torri Eiffel)

(a)



GREĊJA

(b) Belt Kapitali ___________________

(ċ) Fil-Greċja nsibu (l-Akropoli, l-Big Ben)

**( 2+1+1=20 marka )**

**SEZZJONI G**
**Imla l-vojt**

Jien wieħed mill-____________________ tal-familja tiegħi. Fil-familja nista` ____________________ sewwa u nitgħallem il-ħajja. Tajjeb jekk ____________________ fix-xogħol tad-dar u ____________________ bla ma nweġġa`. ____________________ u ____________________ jħobbuni ħafna u tajjeb li nirrispettahom dejjem. Fit-triq tagħna joqogħdu xi ____________________ tiegħi. Mal-ħbieb inqatta` ____________________ ħieles wara li nlesti ____________________ ta' l-iskola. Għandi nagħżel sewwa bejn ħbieb ____________________ u dawk ħżiena.

**( 20 marka )**